**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta’ Mejju 2011 — Flaco-Geräte vs UASI — Delgado Sánchez (FLACO)**

**(Kawża T-74/10)** [1]

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FLACO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti FLACO — Raġuni relattiva għal rifjut — Identità tal-prodotti — Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Talba għall-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti mressqa għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 u Regola 22 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”)***

(2011/C 186/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Flaco-Geräte GmbH (Gütersloh, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Wirtz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Jesús Delgado Sánchez (Socuellamos, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta’ Novembru 2009 (Każ R 86/2009-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn J. Delgado Sánchez u Flaco-Geräte GmbH.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Flaco-Geräte GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 100, 17.4.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Mejju 2011 — Emram vs UASI — Guccio Gucci (G)**

**(Kawża T-187/10)** [1]

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva G — Trade marks nazzjonali u Komunitarji figurattivi preċedenti G — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)***

(2011/C 186/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Maurice Emram (Marseille, Franza) (rappreżentanti: M. Benavï, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Guccio Gucci SpA (Firenze, l-Italja) (rappreżentant: F. Jacobacci, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta’ Frar 2010 (Każ R 1281/2008-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Guccio Gucci SpA u M. Maurice Emram.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Maurice Emram huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 179, 3.7.2010.